**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 24 TA' SETTEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 307/01 AJD*

La Palma Imports Ltd.

vs

M.A. Supermarkets Ltd.

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Mejju, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210.00) rapprezentanti konsenja ta' prodotti ta' l-ikel mibjugha lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici gewwa Price Point Supermarket, fi Triq il-Pitkali, Marsa.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' konvenuta fis-6 ta' Settembru, 2001, fejn hija ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz tat-Talba.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR